**KUMITAT AMMINISTRATTIV KAPPARA**

---

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUMITAT**

**LAQGĦA NUMRU 21 – IT-TLIETA, 10 TA' APRIL 2012 FIS-6.00PM**

Il-Kumitat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Dr Frank Bartolo | *Chairman* |
| Alfred Mangion | Viċi *Chairman* |
| Robert Vella Bonnici | Membru |
| Janet Barthet | Membru |
| Salvatore Mousù | Membru |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

**1 Minuti Numru 20**

1.1 Ma kien hemm ebda korrezzjoni fil-minuti. Is-Sur Alfred Mangion ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sinjorina Janet Barthet issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Komunikazzjoni miċ-*Chairman***

2.1 Dr Frank Bartolo informa lill-Kumitat li l-Bord tal-Appelli ħareġ il-permess għal skola ġdida fi Triq il-Virdun. Kien hemm qbil unanimu li għandha tinħareġ *press release* f'isem il-Kumitat kontra din id-deċiżjoni u favur ir-residenti ta' madwar.

2.2 Ġiet diskussa t-talba biex iċ-*Chairman* tal-Kumitat tal-Kappara jippreżenta ktieb lil student mill-Iskola tac-Chiswick fis-27 ta' April fil-Majjistral Park. Is-Sur Alfred Mangion ippropona li tiġi aċċettata din it-talba. Dr Frank Bartolo issekonda. Kien hemm qbil unanimu. Għandu jinxtara ktieb għal dan il-għan u għandu jattendi l-Viċi *Chairman*, minħabba li ċ-*Chairman* ser ikun indispost.

**3 Affarijiet Oħra**

3.1 Għandha tintbagħat ittra ta' *reminder* lil Transport Malta rigward it-talba tal-Kumitat biex Triq il-Gardell issir *one way*.

3.2 Saret diskussjoni rigward il-Laqgħa Annwali għar-residenti tal-Kappara li kienet ser issir aktar tard fil-ġurnata.

3.3 Is-Sinjorina Janet Barthet ipproponiet li ssir ittra u tintbagħat lil dawk ir-residenti li għandhom siġar ħergin fuq il-bankina u għalhekk huma jew perikolużi għal min ikun għaddej fuq il-bankina jew inkella qegħdin ikun kaġun ta' ħafna weraq fit-triq. Dr Frank Bartolo issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.00pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 15 ta' Mejju 2012 fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier** | **Dr Frank Bartolo** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Chairman** |